MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 266/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Anthony Attard talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess att, fit-3 ta' Lulju 2003, ghall-habta tas-7.10 p.m. fit-Trade Fair Grounds in-Naxxar, hu jew impjegati tieghu hareg ricevuta li ma kinitx korretta u u li kienet tqarraq f'rigward materjali, u dan billi indika fuq dik ir-ricevuta provvista taxxabbli bil-marka 'E' jigifieri ezenti bil-kreditu minflok bil-marka 'F' jigifieri taxxabbli bir-rata ta' 15%;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Attard hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta’ mitejn liri Maltin (Lm200);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Anthony Attard pprezentat fit-30 ta’ Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati skond l-imputazzjoni u mmultatu s-somma ta' Lm200 u minflok tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi u l-ircevuta li nharget f'dan il-bejgh ma knitx wahda li tqarraq peress illi l-appellant huwa persuna ezenti; (2) L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rreferiet fis-sentenza taghha ghall-fatt li dak mibjugh kien oggett taxxabbli, u dan peress illi x-xerrej ma kienx qed ihallas taxxa fuq l-oggett mixtri ghaliex kienet diga thallset mill-appellant; (3) Ma jaghmilx sens dak li qalet l-ewwel Qorti li bhala persuna ezenti, galadarba l-ircevuti jinhargu bhala E u mhux F, ma jistax isir kontroll effettiv, ghax xorta dawn meta jinghaddu jistghu jistabilixxu jekk il-persuna ezenti tkunx qabzet l-ammont ghall-ezenzjoni jew le.

Mill-provi mhuwiex kontestat li fit-3 ta' Lulju 2003 l-appellant kien qieghed ibiegh xi oggetti tal-fidda minn fuq l-istand tieghu fit-Trade Fair u kien biegh gizirana ghall-prezz ta' Lm3.25 lil mara li twaqqfet mill-VAT Inspector John Sciberras. Irrizulta li l-ircevuta li kienet inghatat kellha fuqha l-ittra "E". Tali ittra tissinjifika li l-oggett huwa ezenti minn VAT. Effettivament, stante li l-oggett kien tal-

fidda, u l-fidda hija soggetta ghall-VAT, l-ircevuta suppost kellha fuqha l-ittra "F".

Mhuwiex kontestat lanqas illi l-appellant huwa persuna ezenti. Ghalhekk, skond Paul Scicluna, Spettur tal-VAT fl-ufficcju legali tad-Dipartiment tal-VAT, l-ircevuta kellha jkollha, apparti l-ittra "F", indikazzjoni li l-bejjiegh, f'dal-kaz l-appellant, kien persuna ezenti.

L-appellant xehed u effettivament dak li huwa qieghed jikkontendi hu li meta giet accettata l-applikazzjoni tieghu bhala persuna ezenti, huwa ha l-*cash register* tieghu ghand l-agent sabiex jirrangahielu u qaghad fuq dak li ghamillu "l-espert". Wara l-incident in kwistjoni rega' mar ghand l-agent biex jinfurmah illi l-VAT inspectors kienu qalulu li hija hazina. Qal illi issa l-*cash-register* tindika "F" u hemm ukoll l-ittri "EXT" biex jindikaw li huwa persuna ezentata. Huwa qal: "U jiena nippretendi li dawn huma esperti u dik jiena ma nistax immissha, huma biss imissuha, dik ghandna l-log book, hija ssijljata, u gejt hati jien. Ma nistax sincerament, qed nipprova nsib fejn hu l-izball tieghi, qed nipprova nara fejn jiena hazin. Ghax jiena ma nhossx li jiena zbaljajt, inhoss li huwa genwinissimu dan il-kaz."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan huwa verament kaz "genwinissimu". M'hemm l-ebda prova li l-appellant ipprova jevadi l-fisku, m'hemmx l-icken prova li ried iqarraq. Huwa ghamel dak li persuna ragjonevolment hija mistennija li taghmel, cioe` li tiehu l-*cash register* ghand min huwa awtorizzat li jaghmel l-alterazzjonijiet mehtiega skond il-htigiet ta' l-individwu, cioe` skond il-kategorija li fiha huwa jkun klassifikat. Jekk, bhalma sostna l-appellant, l-agent kellu xi diffikultajiet teknici sabiex dan isir mill-ewwel, m'ghandux ibati l-appellant. Ir-reat in kwistjoni huwa delitt li jehtieg il-*mens rea* partikolari tieghu. F'dan il-kaz ma tirrizulta l-ebda ombra ta' prova li l-appellant kellu b'xi mod l-intenzjoni li jikser il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta u tilliberah mill-imputazzjoni dedotta u mill-piena nflitta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------